MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Rikors Numru. 61/2001/1

**Paul Barbara u martu Carmen Barbara ghal kull interess li jista’ jkollha**

**-vs-**

**Angela sive Lina Sapiano u binha Carmelo Sapiano**

Il- Bord,

Ra r- rikors ta’ Paul Barbara u Carmen Barbara fejn jesponu b’ rispett:

1. Illi l- esponenti jikru l- istore u workshop bin- numru 115B u C f’ Valley Road, Msida propjeta’ ta’ l- ntimati versu l- kera ta’ tlett mitt lira Maltin (Lm300) fis- sena pagabbli kull sena bil- quddiem;

2. Illi b’ zewg ittri interpellatorji datati 16 ta’ Lulju 2001 u 31 ta’ Lulju 2001, l- intimati nnotifikaw u avvanzaw lill- esponenti Paul u Carmen Barbara illi b’ effett mill- ewwel skadenza li jmiss igifieri mit- 30 ta’ Settembru 2001 il- kera

tal- fond imsemmi kellu jigi awmentat ghall- erba' mija u hamsin u ghoxrin lira maltin (Lm425) fis- sena;

3. Illi l- esponenti ma' jaqblux li dan it- tibdil ghandu jidhol fis- sehh.

Ghaldaqstant l- esponenti a tenur ta' l- Artikolu 14(2) tal- Kap. 69 tal- Ligijiet ta' Malta jitolbu lil dan il- Bord jichad l- awment indikat fl- ittri interpellatorji datati 16 ta' Lulju 2001 u 31 ta' Lulju 2001.

Ra r- risposta ta' Angela sive Lina Sapiano u binha Carmelo fejn jesponu b' rispett:

Illi l- fond B u C Valley Road, Msida, in kwistjoni huwa mikrija bhala workshop kif jidher mill- ircevuta maghmula mill- intimat Paul Barbara u ffirmata mill- esponenti Lina Sapiano (Dok A) kif ukoll jidher mill- ittra tal- 14 ta' Frar 2000 tal- konsulent tar- rikorrenti (Dok B).

Illi kif jidher mir- relazzjoni tal- perit Renato Laferla hawn annessa Dok C il- valur tal- fond bix- xogholijiet li saru zdied bis- somma ta' elfejn u hamest mitt lira u ghalhekk hemm lok li l- kera jizdied ghal Lm 425 fis- sena u dana skond l- Art 4 (1) (a) u Art 5 (2) tal- Kap 69.

Ghaldaqstant, l- esponenti jopponu it- talba kontenuta fl- imsemmi rikors tal- konjugi Barbara u jitlob li l- Bord jiffissa l- kera fis- somma ta' erba mija hamsa ui ghoxrin lira Maltin (Lm 425)

Ra d- digriet tieghu tal- 15 ta' Jannar 2002 li gie mhassar b' digriet tad- 19 ta' Frar 2004 fejn il- periti kellhom jigu mibdula mhabba li hadu zball fil- ligi u gew mahtura l- AIC Godfrey Vella u l- AIC Joseph Briffa.

Ra r- relazzjoni ta' l – imsemmija periti teknici.

Sema ix- xhieda bil- gurament.

Ra l- atti u d- dokumenti kollha.

Ra u sema diversi sottomissjonijiet tal- Partijiet.

Ra l- verbal tat- 18 ta’ Novembru 2004.

Ikkonsidra,

1. Fil- fond li l- partijiet jaqblu hu wiehed kummercjali ghandu riparazjonijiet straordinarji. Illi f’ kazi bhal dan – fond kummercjali u mhux dar ta’ abitazzjoni japplikaw l- artikoli l- art. 3, 4 (1)(a) u 5 (1)(2) tal- Kap 69 tal- Ligijiet ta’ Malta. Il- Kap 158 m’ ghandux x’ jaqsam. L- artikoli msemmija jaghtu diskrezzjoni wisgha lill- periti tal- Bord. Il- periti jridu jezaminaw ix- xoghol li sar, li ma jkunx ordinarju u l- kera tizdied “skond il- vantaggi li jkun hemm…. B’ dawk ix- xogholijiet”

2. Wara li raw l- artikoli msemmija l- periti waslu ghall konkluzzjoni li l- kera ghandha toghola u ssir tlett mija u erbghin Lira Maltija (Lm 340) fis- sena.

3. Ghalhekk il- Bord jiffissa l- kera tal- fond kummercjali / store / workshop bin- numri 115 B u C gewwa Triq il- Wied, msida fl- ammont ta’ tlett mija u erbghin lira fis- sena pagabbli kull sena bil- quddiem, l- ewwel skadenza fit- 30 ta’ Settembru 2001; spejjez bla taxxa bejn il- partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------